# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2677

Każ numru 3660/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn
Milovan Camilleri
(ID : 0497379(M)

u

NIC Company Limited

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: James Henry Pearsall**

Illum : 12 ta' Ottubru, 2020

**1. Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat minn Milovan Camilleri lit-Tribunal Industrijali nhar id-9 ta' Lulju, 2018, kif ukoll nota ta' dikjarazzjoni ipprezentata fis-17 ta' Ottubru, 2018, fejn isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kienitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa il-kumpanija NIC Co Ltd, fir-risposta tad-dikjarazzjoni li għamlet, datata 16 ta' Ottubru, 2018, tesponi li ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Milovan Camilleri kienet gusta u valida skont il-Ligi u b'hekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra Milovan Camilleri .

It-Tribunal Industrijali ghamel hdax-il seduta, izda ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mis- soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

Is-Sur. Milovan Camilleri li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent ser ikun rapprezentat mill-Avv. Dr. Abigail Critien.

Is-Socjeta' NIC Company Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta' intimata ser tkun rapprezentata mill. Avv. Dr. Keith A. Borg..

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tieghu mas-soċjetà intimata fl-10 ta' Jannar, 2017 bhala Delivery person fuq bazi indefinita permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Jannar 2017. (Doc B)
Kif spjegat fir-rikors, ir-rikorrent wara li kellu accident fuq il-post tax-xoghol u kien assenti mix-xoghol permezz ta' certifikati medici (Doc E sa J inkluzi), nhar it-2 ta' April, 2018, l-impjieg tieghu gie itterminat, wara erbatax-il xahar fl-impjieg.

Is-socjeta' intimata tispjega li t-terminazzjoni tar-rikorrent mill-impjieg kienet imsejsa fuq ragunijiet dixxiplinari, partikolarment attegjament agressiv u ghal kollox insubordinat lejn il-management tas-Socjeta' ntimata u lejn haddiema ohra, akkumpanjat minn attegjamenet xejn professjonali versu agenti ta' listess Socjeta' ntimata, u wkoll fuq assentejizmu mhux awtorizzat u mhux gustifikat, u allura abbuziv, tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol tieghu.

**Il-lista ta' xhieda:**

**3.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent (Lista annetta mad-dikjarazzjoni tal-kaz)
**3.2** Xhieda mressqa mis-socjeta' intimata skond il-lista anetta mar-risposta.

4. **Il-lista ta' dokumenti:**

**4.1** Minn naħa tar-rikorrenti gew ippreżentati numru ta' dokumenti : kopji immarkati Doc A sa Doc L; MCA!;MCA2. Doc X1
**4.2** Minn naha tas-socjeta' gew ipprezenatati numru ta' dokumenti : intimata immarkati Doc LB 1 sa 4. LC1u RG1.
**4.3** Minn naha tal Job's Plus dokumenti immarkati JS1 ;JS2
**4.4** Minn naha ta, Mater Dei gie ipprezentat Dok DVC 1.

**5. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**6.**

Mistoqsi jekk jekk harguluhx avviz bil-miktub lill-impjegat.

**F. Buhagiar:** *" Ehe ma kontx hrigtlu le" (*Sed 5/11/2018 pag9

**"** *Qatt ma kont prezenti"*. **(**Sed 5/11/2018 pag 13) fl-argumenti imsemmija

**M.Camileri: "***Le qatt ma hargu warnings"* ( Sed 29/04/2019 pag 15)

**Ms L Buhagiar:** *"__________ alla jbierek kien jinqala incident meta ahna ma konniex inkunu prezenti.*_________(Sed 5/11/2018 pag18).

**Ms L Buhagiar:** " *Milovan cempel lilna u qalli ghax jiena mort ghand it-tabib.*______________*Qalli ghax jiena qed nghix ghand l-gharusa"* (Sed 5/11/2018 pag22)

**R. Fenech:** *"Ma niftakarx ezatt, ha nara naqra, L-anqas kont prezenti nahseb"* (Sed 8/07/2019 pag 9/12 .

**R. Gauci MD:** "jiena ______________darba baghytuni fis 27 ta Marzu imma ma tawnix in-numru tal-appartament tieghu" (Sed 25/03/2019 pag 13).

**R.Gauci:** " _______________qampiena Camilleri, daqqejtha imma ma kienx hu hareg xi hadt iehor" (pag 14)

"________________ jiena qatt mghidt li ma kienx id-dar, Jiena kull ma ghidt illi ma fetahlix" (pag 18).

**7. Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**7.1 L-Avv A. Critien:** ghar- rikorrent, spjegat kif persuna li kienet assenti minn fuq il-post tax-xoghol u dan jipprezenta certifikati medici u fl-istess perjodu (sic) 2 ta' April, 2018 meta ir-rikorrent kien assenti b'certifikati medici, dan jigi mghoddi dixxiplina jinghata tlett twissijiet u jigi itterminat mill-impjieg.

**7.2 L-Avv Keith.Borg:** ghas-socjeta' intimata irritjena illi il-kaz tat-terminazzjoni ta' l-impjieg fil-kaz odjern ma kienetx wahda sommarja kif kien qieghed isosstni ir-rikorrent. Din skont is-socjeta' intimata kienet terminazzjoni li irrizultat minn numru ta' twissijiet u li minhabba f'hekk ittiehdet dixxiplina mar-rikorrent li wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

**7.3 L-Avv.Keith Borg:** fit-trattazzjoni tieghu jirreferi ghal incidenzi li skont is-socjeta' intimata wasslu ghat terminazzjoni mill-impjieg, dawk ta': li ir-rikorent ma jinstabx id-dar meta kellhu vizita mit-tabib tas-socjeta' intimata kif ukoll meta ir-rikorrent fil-hin li gie ipprezentat bl-ittra tat-twissijiet, dan agixxa b'mod li qatta din l-ittra quddiem min jimpjegah, ghalkemm kien inghata aktar min cans wiehed sabiex jirranga.

**7.4 L-Avv.Keith Borg:** Ghamel referenza ghall-employment history tar-rikorrent, fejn ta l-ispjegazzjoni tieghu li skont hu, tidher inkonsistenza fl-imgieba tal-karattru tar-rikorrent, isosstni li ma jistax jifhem kif ir-rikorrent qieghed jaghmel talba ghal kumpens li ma haqqux.

**7 K unsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal fl-istharrig tieghu, ikkonferma li wara li r-rikorrent irraporta li huwa maridipprezenta certifikati medici li bdew mit-2 ta' April, 2018 baqghu jigu imgedda sa l-1 ta' Mejju, tat-2018. (Doc E sa J).
Huwa ikkonfermat ukoll illi fit-2 ta' April, 2018 giet ipprezentata lir-rikorrent, ittra minghand is-socjeta' intimata, li fiha kienu elenkati tlett twissijiet u li sussegwentament ir-rikorrent gie itterminat ghall-raguni ta' dixxiplina fuq il-bazi ta' dawn it-tlett twiisijiet.

It-Tribunal mhux konvint kif fl-istess gurnata tat-terminazzjoni impjegat jigi mghoti tlett twissijiet fl-istess hin, u li wiehed minhom minghajr data li jirreferi ghall-agressivita' li allegatament kellu r-rikorrent, izda li is-socjeta' qatt qabel ma hasset li ghandha tiehu passi kontra tieghu. It-tieni twissija kienet relattata mal-kwistjoni meta it-tabib tal-kumpanija mar izuru suppost id-dar, izda kif qal l-istess tabib meta mar u cempel fl-indirizz mghoti lilhu mis-socjeta' intimata, ma fetah hadd u ghadda messagg sabiex jigi iccekjat l-indirizz jekk huwiex hazin, (skond dok RG1 parti). It-tielet twissija kienet tirreferi ghal meta ir-rikorrent gie ipprezentat b'numru ta' twissijiet f'daqqa u mitlub sabiex jiffirma u jitlob sabiex jirrizenja minn rajh u b'hekk ikun ittermina l-impjieg tieghu. Dan mhux talli ma accettax li jaghmel hekk, talli qabad id-dokumenti tat-twissijiet u qattahom fi tnejn, fejn dan l-att gie interpretat bhala subordinazzjoni, lejn min jimpjegah.

It-Tribunal qabel ma ikkunsidra l-atti li graw kemm minn naha tas-socjeta' intimata, kif ukoll minn naha tar-rikorrent, ha il-kuntest tal-hajja lavorattiva tar-rikorrent li minn l-eta' zghira ta' sbatax il-sena ghamel il-pass sabiex jidhol fid-dinja tax-xoghol, fejn f'dik l-eta hu volontarjament mar jaghmel l-aktar doveri menjali li persuna tista taghmel. Gie innotat li ir-rikorrent kellu motivazzjoni sabiex isib impjieg li jhoss sigur anke jekk ikun wiehed ta' tbatija, fil fatt f'settur minnhom hadem ghal aktar minn tletin xahar.

Jidher li ir-rikorrent kien qisu sab postu f'dan l-ahhar impjieg, mas-socjeta' intimata, li tawwal fih qrib erbatax il-xahar, wara li dan gie impjegat bil-kunsens kollu ta' li stess socjeta' initmata. Ghaldaqstant it-Tribunal jifhem li bid-diffikultajiet li joffri il-kamp tax-xoghol u li seta kellu ir-rikorrenti, xorta dejjem baqa jirsisti sabiex isib u jibqa' f-impjieg.

Meta it-Tribunal Industrijali iffoka fuq l-avvenimenti li graw sakemm waslet it-terminazzjoni mill-impjieg, gie ikkonfermat illi l-incidenti li gew deskritti bhala agressivi kienu tali li jezistu ta' kuljum f'postijiet tax-xoghol simili bhal tas-socjeta' intimata. Gie innotat ukoll illi is-socjeta' intimata li kienet taf li ghaddejin dawn l-incidenti bejn ir-rikorrent u il-bqija ta' l-impjegati, u qatt ma deherilha tiehu xi passi tangibbli, izda kif spikka il-kaz illi ir-rikorrenti kellu l-accident fuq il-post tax-xoghol f'Jannar tat-2018,u wara safa marid kif ukoll kellu imur l-sptar (29/03/2018), dawn l-avvenimenti gew migbura bhala kontravenzjonijiet li jimmeritaw tlett twissijiet f'daqqa u li maghhom giet marbuta it-talba ghar-rizenja, u li meta ma gietx accettata mir-rikorrent, spiccat fit-terminazzjoni instantanja.

Ghaldaqstant it-Tribunal i Industrijali ma setax jifhem kif l-hekk imsejjah/a HR tas-socjeta' intimata wara li qaghdet titituba fuq l-incidenti li graw, u minghajr ma sar l-ebda process semplici fejn ir-rikorrent kellu l-opportunita' mghotija mill-istess Ligi naturali, dik li jinghata kemm smiegh kif ukoll dritt ta' difiza xierqa, dan jigi irrinfaccjat, b'dik li fil kamp tax-xoghol titqis bhala l-piena kapital, terminazzjoni mill-impjieg, u dan fic-cirkostanzi meta ir-rikorrent kien ghaddej minn sitwazzjoni ta' mard b'osservazzjoni tat-tobba kif muri f'varji dokumenti, dawk ta' certifikati tal-mard.

**Decizjoni:**

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jifhem u jaccetta li f'cirkostanzi gravi fejn *employer* ikun gustifikat li jtemm l-impjieg ta' haddiem, pero certament li f'din l-okkazjoni dan ma huwiex il-kaz.

Wara li stharreg il-kuncert kollu li sar fi zmien qasir fejn gew migbura in-nuqqasijiet li ghamel ir-rikorrent f'perjodu ta' zmien u li dawn gew ipprezentati bhala ragunijiet li setghu iwasslu ghall-passi dixxiplinarji u dan minghajr l-ebda sforz ta' xi procedura kif mitluba mis-sens komun, u li irrizulta fil-massimu tal-piena, minghajr ma gew ikkunsidrati pieni ohra, jaqta' u jiddiecedi li t-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent ma kienitx wahda gusta u skond il-Ligi.

Tenut kont ta' dan, is-socjeta' intimata ghandha thallas kumpens lir-rikorrent ta' elfejn euro (€2,000) fi zmien hmistax il-gurnata minn din id-decizjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu (€93.17)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja